2025/2396

25.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2396

tal-24 ta' Novembru 2025

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/1890.

(2) Fl-24 ta' Novembru 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2395 ([2]), li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 ([3]) li testendi l-miżuri restrittivi fiha sat-30 ta' Novembru 2026, b'lista vojta.

(3) Jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1890 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1890 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LØKKE RASMUSSEN

([1]) ĠU L 291, 12.11.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1890/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/2395 tal-24 ta' Novembru 2025 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L, 2025/2395, 25.11.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2395/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1894/oj).

ANNESS

"ANNESS I

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2".